MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Numru 974/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud u**
**Spettur Neville Xuereb)**

**Vs**

Ratib Il-Hadi Msugi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ratib Il-Hadi Msugi ta' karta ta' identita' numru 362275, akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar l-24 ta' Novembru, 2002, u l'erbgha xhur ta' qabel, go San Giljan (Paceville), u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza

dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u

meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat bi traffikar u pussess ta' droga eroina, u ikkometta r-reati lilu addebitati gewwa distanza ta' mitt metru mill-pemimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zghazagh.

Issa l-akkuzi kontra l-imputat ghandhom l-origini taghhom minn "konsenja kontrollata" li giet awtorizzata fil-waqt li l-Pulizija kienu arrestaw lil certu Omar Faiz El Sallak. Dan kien implika lill-imputat fis-sens li stqarr li d-droga kien xtraha minghand l-imputat.

Illi fil-kawza in disamina jirrisulta fic-car illi l-akkuzi odjerni huma sostnuti principalment fuq ix-xhieda ta'dan ix-xhud, li ghal kull bon fini u effett ix-xhieda tieghu ghandha tigi meqjusa qua dik ta' komplici, filwaqt li l-Artikolu 30 tal-Kap 101 jiddispensa mill-obbligu tal-korroborazzjoni fejn si tratta ta' reati li jolqtu din l-Ordinanza. Jissusisti wkoll f'dan il-kaz xhieda korroborattiva. F'dan il-kuntest tal-korroborazzjoni huwa dottrinalment pacifiku li sabiex din il-kwalita' ta' xhieda jkollha valur probatorju tali li tista twassal ghas-sejbien ta' htija tal-akkuzat jehtieg illi l-korroborazzjoni jkun sufficjentement sorretta bi provi

indipendenti dwar xi cirkustanza materjali li twassal mhux biss ghal veracita' tal-versjoni tax-xhud fl-aspett sostantiv taghha izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni jigi stabbilit "nexus criminis" bejn din il-versjoni u l-imputat -

Fil-kaz in disamina kif gia accenat il-korroborazzjoni tirribadixxi r-reita' fl-imputat. Il-fatturi korrarabotattivi f'dan il-kaz isahhu l-prova diretta f'dawn ic-cirkostanzi u dan nonostante li l-imputat jichad kull addebitu rivolt lilu. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti qeghdha tfisser hu li c-cahda tal-imputat ma treggix fil-kuntest kemm tal-prova diretta u wkoll mill-provi korroborattiv li isahhuha. Fil-fatt l-akkuzi kontra l-imputat ghandhom ireggu stante li l-prova diretta, ossija dik provduta mill-imsemmi Faiz, f'dan il-kaz tinstab ukoll korroborata f'cirkustanzi materjali.

Dawn ic-cirkostanzi jirrisultaw mis-segwnet fatti pruvati:

a) Tali li fl-ambjenti tal-bejt tal-korp tal-appartamenti fejn kien jirrisjedi l-imputat instabu mal-50 gramma eroina;

b) li permezz tal-konsenja "awtorizzata" x-xhud principali kien ftehem mal-imputat sabiex ibieghlu aktar droga u ghal dan il-fini kien cempel in-numru tac-cellulari tal-imputat.

c) Li kien b'konsegwenza ta' din it-telefonata li x-xhud akkompanjat mill-pulizija kienu ghamlu l-inkursjoni fl-appartament tal-imputat u nstabet id-droga in kwistjoni.

Fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti hija ghalhekk l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti li l-akkuzi kontra l-imputat jinsabu sodisfacjentement pruvati wkoll fir-rigward l-akkuza li gew kommessi gewwa d-distanza ta' mitt metru.

Inghad dan ghalhekk tiddecidi li filwaqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, rat ir-regolament 8 tal-General Notice 292/1939 u l-Artikolu 22(1)(1B)(2b) tal-Kap 101 u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn u multa ta' Lm1000 konvertibbli fi tlett xhur prigunerija fin-nuqqas ta' hlas. Tordna wkoll li jitnaqqas kull zmien li l-

imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------